# ĦSIBIJIET U FANTASIJA

*Ta'* SALVINU SCHEMBRI

X'fantasija ta' ħsieb! erwieħ imnikkta
jidhru fatati bojod, f'għonqhom demm
inixxi, b'gidmet il-vampiri, donnhom
bħal dawk li jagħmlu s-sriep li jagħtu s-semm.

Iġsma jintemmu taħt l-għotjien ta' l-oqbra
ixoqqu d-demm minn għonqhom migdumin.
Friefet il-lejl iħabbtu mal-fantażmi
waqt li skeletri jħebbu għal xulxin.

Ċpar u ċpar biss w għerien taħt l-art moħbija
waqt illi l-ilma jagħli jbaqbaq sħun,
Caron jillanċa lill-mejtin fantażmi
jgħaddi bl-erwieħ mitlufa bħal miġnun.

Iħirża f'nofs ta' lejl fid-dawl ta' qamar
l-inkubi donnhom tagħhom jitfgħu dell.
Ċipressi li fuq l-oqbra d-dell jifirxu
kruhithom fl-għalqa tal-mejtin tistmell.

Ċarċir ta' demm; biki ta' dmugħ il-ħajja
jitħallew vojta ta' l-imrar il-kwies.
Ħajja mitmuma tofroq l-arja w twerżaq
b'mod illi ma jistgħux jis'mgħuha n-nies.

U ġenn sfrenat mal-għajta kerha mwiegħra
tinstema' mill-għerien bħal mill-intern,
mal-biki ta' l-erwieħ ta' l-indannati
li jkunu jgħażżu snienhom ġo l-infern.

Għajnejn il-qtates jibbru f'lejl id-dalma
titbeżża' tisma' tagħhom it-tinwiħ;
taħseb fil-mewt, u tibża' tisma' l-għajta
u l-karba kerha minn tal-klieb l-inwiħ.

X'fantasija ta' ħsieb; erwieħ imnikkta
jidhru fatati bojod, jibku d-dmugħ
bla xejn mistrieħa, irsiera tal-vampiri
li jżuru l-oqbra bil-fatat tar-ruħ!